GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION
DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

Għażiż ġenitur/kustodju,

Għal darb'oħra l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel ser tissupplixxi porzjon ħalib frisk ippasturizzat lit-tfal mill-Kindergarten sas-Sitt Sena. Din l-iskema, li biha l-istudenti jingħataw porzjon ħalib fil-ġimgħa biex tgħinhom jaddottaw stil ta' ħajja aktar san, hija ffinanzjata mill-Gvern ta' Malta.

Filwaqt li fis-snin imgħoddija, il-porzjonijiet ta' 250ml ħalib kienu mqassma lit-tfal fl-iskejjel, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, matul is-sena skolastika 2021/2021, il-ħalib tqassam permezz ta' sett vawċers direttament lill-istudenti eliġibbli li applikaw.

L-istudenti li se jinkitbu, ser jintbagħtulhom sett ta' vawċers għal porzjonijiet ta' 500ml ħalib kull wieħed. Il-vawċers jintbagħtu fl-indirizz postali li jkun indikat fil-formola li timtela.

Il-vawċers jissarfu f'porzjon ta' ħalib ta' 500ml minn wieħed mill-ħwienet li qed jipparteċipa fl-iskema matul il-perjodu ta' validità ta' xahar.

Jekk tixtieq li t-tfal tiegħek jibbenefikaw mill-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel, nitolbuk timla u tibgħat il-formola onlajn li ssib hawn: https://forms.office.com/r/KjcuTMimCjThe
Il-formola tibqa' disponibbli sal-31 t'Ottubru 2021. Għandha timtela formola separata għal kull tifel/tifla. L-informazzjoni personali mdaħħla fl-applikazzjoni hija protetta u użata skont il-proviżjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 586).

L-iskema hija mħaddma mill-Aġenzija Agrikultura u għall-Pagamenti Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikultora, Sajd, Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Ministeru għas-Saħħa.

Jekk ikun hemm ħtieġa, ikteb email lill-ARPA arpa-mmu.mafa@gov.mt jew ċempel 22926148